# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta’ nhar il-Erbgha, 24 ta’ Frar, 2016

**Talba Nru: 621/15 DMA**

**Mark (ID. 223277M) u Claire (ID. 150076M) Micallef**

**Vs**

**Carmel sive Charles (ID. 726152M) u AnneMarie (ID. 56375M) Mercieca**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta’ Awissu, 2015 fejn l-atturi talbu lli l-konevnuti xtraw l-propjeta 15, Port Carafa, Verdala Mansions, Triq Inguanez, Rabat minghand l-atturi fis-27 ta’ Novembru tal-2014 permezz ta’ att notarili. Illi din il-propjeta kienet furmanti minn kondominium u ghalhekk l-atturi kienu obbligati ihallsu l-ispejjez kondominjali bhala condomini sad-data tal-bejgh.

Illi qabel ma sar il-bejgh l-atturi kienu hallsu l-kontribuzzjoni dovuta minn Gunju tal-2014 sa Gunju tal-2015 u kwindi koprew anke zmien meta huma ma baqghux aktar obbligati li jikkontribwixxu bhala sidien.

Illi ghalhekk, il-kontibuzzjoni ghall-ispejjez kondominjali mis-27 ta' Novembru, 2014 sa l-ahhar ta' Gunju 2015 gew imhallsa mill-atturi meta filfatt huma dovuti mill-konvenuti. Illi l-konvenuti intrabtu li jhallsu lura lill-atturi is-sehem tal-kontribuzzjoni mis-27 ta' Novembru 2014 sa l-ahhar ta' Gunju, 2015 li jammontaw ghal seba' mija u erbghin ewro (€740).

Il-partijiet kienu qablu li l-konvenuti jirrifodu lill-atturi dak l-ammont li jkun thallas mill-atturi in linea ta' kontribuzzjoni kondominjali hekk kif espost.

Il-konvenuti kienu interpellati sabiex ihallsu pero baqghu inadempjanti.

Ghaldaqstant dan l-onorablli tribunal qed jigi mitlub sabiex jordna lill-atturi is-somma ta'  seba' mija u erbghin ewro (€740).

Bl-ispejjez, inkluz l-ittra legali datata 23 ta' Gunju, 2015 u bl-interessi mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti, bl-ingunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni

Il-konvenuti debitament notifikati pprezentaw risposta fil-15 ta' Settembru, 2015 fejn eccepew illi l-ammont dovut mill-konvenuti lill-atturi in kwanu sehemhom mill-hlas tal-partijiet komuni ma jammontax ghal seba' mija u erbghin ewro (€740) kif mitlub mill-atturi;

Illi fil-fatt se jirrizulta kif il-partijiet f'din il-kawza kienu ftehmu li l-ammont dovut mill-konvenuti lill-atturi in kwantu spejjez tal-komun hu ta' sitt mitt ewro (€600).

Illi pero' sussegwentament ghall-bejgh tal-fond in kwistjoni lill-konvenuti, dawn tal-ahhar sofrew danni kawza tal-agir tal-atturi f'ammont akbar mill-ammont dovut lill-atturi ghall-ispejjez tal-komun, liema ammont ma jeccedix tlett elef u hames mitt ewro (€3,500) kif se jirrizulta waqt is-smiegh ta' kawza li se tigi ntavolata kontestwalment mar-risposta odjerna;

Illi l-konvenuti talbu lill-atturi sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni msemmija wara li jitnaqqas l-ammont hawn fuq imsemmi ta' sitt mitt ewro (€600), pero'

cio' nonostante l-konvenuti pprocedew bil-kawza odjerna. Ghalhekk il-konvenuti m'ghandhomx ibghatu l-ispejjez ta' din il-kawza.

It-Tribunal semgha l-atturi jispjegaw kif huma kienu qed jitolbu hlas lura tal-partijiet tal-komun.

Semgha lil konvenuti bl-ispjega taghhom ghaliex dawn ma hallsuhomx u dan minhabba li soffrew xi danni minhabba li l-atturi qalghu affarijiet mill-fond li ma kellhomx jinqalghu.

It-Tribunal ma jistax jidhol f'kuntratt ta' propjeta izda jrid jistrieh fuq it-talba kif dedotta u fuq il-provi li jitressqu quddiemhu.

Mill-provi hareg car illi l-partijiet kienu tkellmu fuq divizjoni tal-hlas tal-kondominium. Xehed ukoll in-nutar fejn spjega illi jiftakar li kien sar ftehim verbali fuq il-qsim ta' dan l-ammont.

It-Tribunal ghalhekk jaqta' u jiddecidi billi jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenuti jhallsu immedjatament l-ammont ta' seba' mija u erbghin ewro (€740) lill-atturi. Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza u l-ispejjez ghandhom jithallsu mill-konvenuti.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**